MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 29

28 ta' Lulju 2021

Minuti tas-seduta Nru. 29 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021 fis-6.00 pm.

**Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali, minbarra l-Kunsillier M. Abela u G. Micallef li għarrfu li kienu indisposti permezz ta' imejl datat 28 ta' Lulju 2021. Il-Kunsill laqa' ir-raġuni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

**Talba**

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

1.1. **Minuti**

1.2. L-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta Nru. 28 tat-12 ta' Lulju 2021 tħallew għas-seduta Nru. 30.

**2.0. Materji Mqajma mill-Minuti**

2.1.1. Ma kienx hemm materji mqajma mill-minuti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri/**

3.2.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**4.0. Tqegħid ta' Karti**

- Stqarrijiet Finanzjarji Awditjati 2020

**5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri**

5.1.1. Ma tressqet ebda korrispondenza.

**6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:**

**"Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2020 li diġa ġew approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 23 tal-15 ta' Frar 2021; u**

**Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji oriġinali għas-Sena 2020, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri;**

**Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".**
**(F/1/2/Vol VIII)**

6.2. Għal din il-parti tas-seduta attenda l-*accountant* li kien responsabbli mit-tħejjija tal-istqarrijiet finanzjarji s-Sur Daniel Galea. Is-Seduta ġiet sospiża waqt l-intervent tas-Sur Galea.

6.3. Is-Sur D. Galea spjega li meta wieħed jara l-i*Statement of Comprehensive Income*, kien hemm dħul ta' €1,434,403 kontra nefqa rikorrenti ta' €1,350,026, u hekk fadal bilanċ pożittiv għall-2020 ta'€84,968. Hawnhekk ma kienx hemm tibdil fil-figuri mill-istqarrijiet oriġinali.

6.4. Kien spjegat li kien hemm tibdil minn naħa tal-udituri f'dak li jirrigwarda l-*balance sheet* li jinvolvi l-proġett tat-Tunnara li huwa kofinanzjat minn fondi Ewropej. Jirriżulta li dan il-proġett għadu fi stadju ta' implimentazzjoni, fejn għadhom qed jiġu sottomessi kontijiet, ħlasijiet jiġu proċessati, u anke jista' ikun hemm irkupru ta' fondi mill-Awtorità ta' Ġestjoni. Il-prattika f'dawn it-tip ta' ċirkostanzi, s'issa kienet li l-ammonti nvoluti jitqiesu bħala *Deferred Income*.

6.5. Is-Sur D. Galea spjega li l-udituri qed jinsistu li dawn il-fondi jiġu mill-ewwel meqjusa bħala għotjiet u għalhekk l-assi akkwistati b'dan il-mod jiġu kkapitalizzati mill-ewwel. Huwa kkummenta li fl-opinjoni tiegħu din il-proċedura mhijiex daqshekk prudenti fir-rigward ta' proġetti li għandhom mhux konklużi. L-ammont involut jammonta għal €204,486 u qed jidher bħala titjib fil-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. Hekk li l-*Current Net Position* inbidlet mill-istqarrijiet oriġinali minn *surplus* akkumulat ta' €773,000 għal €970,000, liema ammont huwa meqjus suffiċjenti sabiex jilqa' għall-ispejjeż li jinqalgħu, kif ukoll oħrajn mhux previsti.

6.6. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa, dwar jekk il-Kunsill kienx jaqa' f'defiċit, kemm-il darba l-udituri ma biddlux il-proċedura dwar proġetti li għandhom fi stadju ta' implimentazzjoni. Is-Sur D. Galea wieġeb illi t-tibdil li sar ma jaffettwax id-Dħul *(Income Statement),* iżda biss il-*balance sheet*, peress li huwa ta' natura kapitali.

6.7. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini staqsiet dwar jekk id-*Deferred Income* kienx spiċċa għall-kollox mill-istqarrijiet finanzjarji. Is-Sur Galea wieġeb fl-affermattiv.

6.8. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa jekk l-eżerċizzju li sar mill-udituri jfissirx li l-Kunsill irid jaħseb għaż-żidiet li jista' jkun hemm fin-nefqa fuq proġetti kapitali. Is-Sur D. Galea wieġeb li issa sar iktar importanti li l-Kunsill jaħseb fl-estimi għas-sena li ġejja għall-varjazzjonijiet li saret referenza għalihom fil-minuta 6.4. aktar 'il fuq.

6.9. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għall-fatt li matul l-2020 u 2021 kien hemm numru ta' varjazzjonijiet marbuta maċ-ċentru ta' interpretazzjoni fil-Batterija ta' Westreme, li kellhom iseħħu, peress li ma kienx hemm provdut għalihom fil-kuntratti, li kienu jinkludu s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Faċilitajiet Sanitarji | €7,967.66 |
| *Media Player*, xogħol marbut mal-IT eċċ | €5,805.60 |
| *Intruder Alarm* | €4,678.70 |
| *Monitor Trolley Stand* | €553.42 |

Dwal fuq barra tal-Batterija €16,697.00

6.10. Il-mozzjoni għaddiet mingħajr emendi u b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti, wara li kienet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg li tgħid:**

**"Billi saret sejħa għal kwotazzjonijiet MLC 2/2021, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi l-ħolqien ta' mobile app għall-promozzjoni ta' postijiet ta' interess fil-Lokalità tal-Mellieħa, b'rabta mal-proġett MAGF/M3/004;**

**Billi sar rapport tekniku mill-konsulent inkarigat mill-Kunsill datat 16 ta' Ġunju 2021, kif ukoll saret evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi tal-erba' kwotazzjonijiet sottomessi, assistita minn kampjuni u kjarifiki mitluba mingħand l-offerent Webee Ltd, skont il-minuti tal-istess kumitat tal-1, 8, u 19 ta' Lulju 2021; u**

**Billi l-ftehim tal-għotja li sar mal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral jipprovdi fondi biżżejjed taħt il-Miżura 3 tal-Fond Agikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Webee Ltd, li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bl-inqas offerta finanzjarja.". (P/10/38)**

7.2. B'żieda mat-tagħrif mogħti fis-seduta preċedenti s-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ġie infurmat li permezz ta' imejl datat l-14 ta' Lulju 2021, l-offerent 153636 talab li jagħmel preżentazzjoni sħiħa tas-sottomissjonijiet tiegħu. Kif jidher fil-minuti tad-19 ta' Lulju 2021, il-Kumitat iddeċieda li l-preżentazzjoni mitluba tkun superfluwa, abbażi tal-fatt li l-inqas offerta finanzjarja nstabet konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-dokument tal-offerta.

7.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mill-fost il-Kunsillieri preżenti wara li kienet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Webee Ltd (153381).

**8.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

8.2. Ma tressqet ebda skeda.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fis-6.45 pm u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tlieta 17 ta' Awwissu 2021 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |